MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru 59/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**William Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fid-9 ta' Jannar 2012 dwar eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat. L-akkużat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fit-12 ta' Jannar 2012.

**2.** William Agius kien akkużat, permezz ta’ Att ta’ Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-18 ta’ Novembru 2010 (nru 59/2010) li: (1) assoċja ruħu ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f’Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, b’dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; (2) b’diversi atti magħmula fi żminijiet differenti u magħmula b’riżoluzzjoni waħda biegħ jew offra li jbiegħ, ittraffika jew offra li jittraffika l-mediċina perikoluża psikotropika ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine* (li hija designer drug magħrufa bhala MDMA), b’dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; (3) b’diversi atti fi żminijiet differenti u magħmula b’riżoluzzjoni waħda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegħ, uża jew kellu fil-pussess tiegħu l-mediċina perikoluża psikotropika ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine* (li hija designer drug magħrufa bhala MDMA), b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tiegħu, u b’dan ukoll li r-reat sar ġewwa d-distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

**3.** Fir-rikors ta’ appell tiegħu tat-12 ta’ Jannar 2012 l-appellant indika li kien qiegħed jappella mid-deċiżjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet.

**4.** Permezz ta’ dawn l-ewwel tliet eċċezzjonijiet fin-nota ta’ eċċezzjonijiet ippreżentata fis-17 ta’ Diċembru 2010 l-akkużat appellant eċċepixxa:

“1. In-nullita` tat-tieni kap ta’ l-att ta’ l-akkuża, jew alternattivament tat-tielet kap ta’ l-att ta’ l-akkuża, in kwantu l-fatt miġjub f’dawn il-kapi huwa l-istess u r-reat

addebitat huwa wkoll l-istess (regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini) u dan nonostante li l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat ma ġiex indikat fit-tieni kap kif rikjest mill-paragrafu (d) ta' l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali bil-konsegwenza ta' l-inapplikabilita` ta' l-artikolu 17 ta' l-istess Kodiċi;

"2. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' P.S. 1374 Edgar Dalli in kwantu l-istess xhud qatt ma ġie inkarigat mill-Qorti bħala espert bil-konsegwenza li, fl-eventwalita` ta' ammissjoni, m'għandux ibati l-ispejjeż inkorsi fir-redazzjoni tagħha;

"3. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud (esibit a fol 726 *et seq*) in kwantu l-ħatra ta' l-Ispiżjar Mifsud għall-finijiet tar-relazzjoni msemmija ma setgħetx issir bil-konsegwenza li, fl-eventwalita` ta' ammissjoni, m'għandux ibati l-ispejjeż inkorsi fir-redazzjoni tagħha"

**5.** Fil-partijiet rilevanti tas-sentenza taghha dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

**"L-Ewwel Eċċezzjoni - In-Nullita` tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża jew alternattivament tat-tielet Kap.**

**"Il-Qorti qed taqsam din l-eċċezzjoni fi tnejn:**

**"(A) L-ewwel parti tal-Ewwel Eċċezzjoni**

"Il-Qorti ma tara ebda nullita` li hawn żewġ kapi – wieħed dwar traffikar tad-droga ecstasy u l-ieħor ta' pussess aggravat tad-droga ecstasy. L-akkużat jissottometti li l-fatti huma l-istess – jiġifieri l-allegata laqgħa ma' Gordi Felice sabiex William Agius ikun jista' jbiegħ 2043 pillola ecstasy. Biss fit-Tieni Kap hemm imniżżlin il-kliem:

"'bil-għan li jbiegħ, jittraffika, jforni jew jipprokura d-droga illegali ecstasy'

"waqt li fit-Tielet Kap hemm miktub dan li ġej:

‘ħa borża tal-karti fejn irriżulta li l-istess borża kienet tikkontjeni 4 pakketti boroż tal-plastik u li fihom kien hemm madwar 2043 pillola li minn aktar investigazzjonijiet irriżulta li kienu pilloli ecstasy............liema ammont juri illi d-droga ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.’

“Dawn iż-żewġ reati mhumiex l-istess (Ara dwar dan ‘Il-Pulizija versus Stagno Navarro’ Appell Kriminali Inferjuri deċiż mill-Onor.Imħallef Dr Joseph Galea Debono). Barra dan ma jfissirx li għax ikun hemm regolament wieħed li jolqot żewġ reati (bħalma huwa r-regolament 3(1)), allura wieħed ma jistax ikun akkużat biż-żewġ reati ukoll jekk il-ġrajja jkunu jirreferu għall-istess data. L-akkużat jista’ (a) ma jinstab ħati ta’ xejn; (b) jinstab ħati taħt Kap minnhom biss; (ċ) jinstab ħati taħt it-tnejn u imbagħad wieħed jara jekk japplikax l-artikolu 17(b) jew l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

“Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti ta’ din l-eċċezzjoni fejn issir is-sottomissjoni li r-reati huma l-istess għax mhumiex l-istess.

**“(B) It-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni**

“Iżda l-istess eċċezzjoni tkompli: ‘r-reat huwa l-istess (regolament 3(1) dwar ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini) u dan nonostante li l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat ma ġiex indikat kif rikjest mill-paragrafu (d) tal-artikolu 589 tal-Kap 9.

“Il-Qorti eżaminat l-aħħar sitt (6) ivrus tat-Tieni Kap. L-Avukat Ġenerali irrefera għar-regolament 10(2) tal-Avviż Legali 22/85. Għal xi raġuni dan qiegħed fl-isquare brackets – prassi li tintuża f’organizzazzjonijiet internazzjonali meta xi test ma jkunx hemm qbil perfett dwaru. Ir-regolament 10(2) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985 fil-fatt m’għandu x’jaqsam xejn mal-ġrajja indikata. Dan ir-regolament fil-fatt jgħid dan li ġej:

“‘Is-Supretendent jista’, sabiex ikun hemm kontroll tad-drogi, jiċċirkola lil kull spiżjar li jkollu l-kontroll ta’ xi

Spiżerija kopja ta' xi firma specimen li jkollu fil-pussess tiegħu.'

"Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali jonqos li jsemmi r-regolament 3(1) tal-istess regolamenti fit-Tieni Kap. Kien dan ir-regolament li jmissu ssemma u mhux ir-regolament 10.[1] Fit-Tielet Kap r-regolament 2(1) jissemma (ara erbat ivrus mill-aħħar vers a fol 6) u għalhekk m'hemm xejn irregolari f'dan il-Kap.

"Għaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' din it-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni u tordna li fit-Tieni Kap ikun hemm inkluż ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u jitneħħa l-artikolu 10(2) li jidher bejn żewġ brackets kwadri.

"Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni iżda qed tilqa' t-tieni parti tal-Ewwel Eċċezzjoni u qegħda konsegwentement tordna l-korrezzjoni indikata. Mill-bqija għandhom jibqgħu jidhru ż-żewġ Kapi u imbagħad, wara l-verdett tal-ġurati, il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx raġuni għala għandha tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 jew le.

**It-Tieni Eċċezzjoni - L-Inammissibilita` tar-relazzjoni ta' PS 1374 Edgar Dalli għax ma kienx inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti.**

"Skont fol 33 tal-proċess, nhar id-29 ta' Novembru 2004, il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Abigail Lofaro kienet ħatret erba' esperti – l-Ispiżjar Mario Mifsud, PS 602 J Attard, PC 1261 C Pace u 'Fingerprints' P.S. 1374 E.Dalli.' Dan joħroġ mir-rapport li ppreżenta l-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara.

"A fol 4 insibu d-digriet bid-data tas-26 ta' Nomebru 2004 fejn kien nominat l-istess Spettur (illum Supretendent) u l-Ispiżjar Mario Mifsud bħala espert forensiku u sabiex jagħmel stima tal-oġġetti jew ħsarat in kwistjoni.

[1] Il-Qorti nnutat ukoll li ssemmew xi artikoli reżi applikabbli għall-Kap 31 u li jinsabu fil-Kap 101 (bħall-artikolu 22B) li ma kienx indispensabbli li ssemmihom.

"Jirriżulta wkoll li l-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara kien għamel rikors biex tingħalaq l-inkjesta u tintbagħat lill-Avukat Ġenerali minħabba li tressqu żewġ persuni.

"Issa l-ħatra tas-scene of the crime officers u tal-esperti l-oħra kollha ssir mill-Maġistrat Inkwirenti permezz ta' telefonata. Dan jista' jżomm record ta' x'ħin daħlet it-talba għall-ftuħ tal-inkjesta u tal-esperti maħtura minnu jew minnha.

"Dwar is-scene of the crime officers, dawn ikunu b'roaster u għalhekk sta għall-Ispettur li jsejjaħ lil dawk in-nies li dak il-ħin ikunu għassa biex jaqdu d-dmirijiet li jkun talabhom jagħmlu l-Maġistrat.

"Għalhekk l-Ispettur jieħu ħsieb li jniżżel l-ismijiet kollha li jkun qallu l-Maġistrat u jżid magħhom dawk tas-scene of the crime officers. Minħabba li l-inkjesta ngħalqet b'għaġla kbira, ma ntlewx l-ismijiet tas-scene of the crime officers waqt li l-Ispiżjar Mario Mifsud jidher bħala espert forensiku iżda fuq formola stereotipata li soltu tintuża f'inkjesta oħra.

"Ġaladarba hemm ir-rapport tal-Ispettur (illum Supretendent) Norbert Ciappara bl-ismijiet tal-esperti, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita dwar il-ħatriet li jidhru hemm.

"Żgur li l-ħatra ta' PS 1374 Edgar Dalli bħala fingerprints expert la vvintha l-Ispettur u lanqas ma ħa gost jagħmel xogħol żejjed PS 1374 E.Dalli. Għalhekk il-Qorti hija konvinta li PS 1374 E.Dalli kien maħtur regolarment bħala fingerprints' expert.

"Konklużjoni: Il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni.

**"It-Tielet Eċċezzjoni - L-inammissibilita` tar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (esibit a fol 726 et seq) in kwantu l-ħatra tal-Ispiżjar Mifsud għall-fini tar-**

**relazzjoni msemmija ma setgħetx issir u dan anke skont ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell.**

"Bir-rispett kollu mhux kwalunkwe persuna jew Spettur tal-Pulizija ma jista' jaqbad u jagħti stima ta' kemm tiswa d-droga fis-suq. Din hija biex biċċa xogħol iebsa wkoll għall-esperti minħabba li s-suq ivarja, il-kwalita' ma tkunx l-istess, u d-demand tinbidel minn żmien għal żmien. Tassew li kien hemm deċiżjonijiet differenti fuq dan il-punt mill-Qorti tal-Appell iżda din il-Qorti ma jidhrilhiex li wieħed jista' jħalli f'idejn mhux esperti jekk irid jiddetermina l-valur. F'pajjiżi oħra jista' jkollok il-multa maħduma fuq l-istima li ssir tal-valur. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala m'għandhiex tħalli din ir-relazzjoni fil-proċess speċjalment jekk tkun għenet biex l-Avukat Ġenerali jkun iddetermina liema Qorti għandha tisma' l-każ. Huwa tajjeb li,fejn jista', wieħed itaffi l-ispejjeż iżda dan mhux dejjem hu possibbli.

"Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni."

**6.** Minn dawn il-partijiet tas-sentenza tad-9 ta' Jannar 2012 appella, kif ingħad, l-akkuzat, li talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma laqgħetx l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet.

**7.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni. Jgħid illi "l-fatt li l-artikolu [*recte :* regolament] 3(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 jikkontempla numru ta' azzjonijiet li jistgħu jwasslu għar-reat fih kontemplat ma jwassalx neċessarjament għall-konsegwenza li jekk l-aġir inkriminat jaqa' taħt iktar minn waħda minn dawk l-azzjonijiet, allura għandhom jingħataw żewġ kapi fl-att ta' l-akkuza. Ir-reat imsemmi fit-tieni u fit-tielet kap huwa wieħed u ġaladarba l-fatti msemmija mill-istess Avukat Ġenerali fl-att ta' l-akkuża huma pratikament l-istess (u dan nonostante li l-Qorti Kriminali ppruvat ssib xi differenzi bejniethom), allura ma jistax jiġi maqsum fi tnejn. Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni li kieku l-fatti proposti mill-Avukat Ġenerali kienu differenti fejn allura setgħu jingħataw żewġ kapi separati iżda mhux għar-raġuni li l-element materjali tar-reat jista' jigi spezzettat." Ikompli

jgħid l-appellant li lanqas ma hemm xi tieni parti ta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu kif donnha qed tipprospetta l-ewwel Qorti peress illi l-aħħar parti kienet biss osservazzjoni u mhux stedina lill-Qorti sabiex tordna korrezzjoni fl-att ta' l-akkuża.

**8.** Dan l-istess punt ġie deċiż minn din il-Qorti kif komposta fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' April 2012 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Gordi Felice** fejn intqal hekk:

**"Issa, permezz tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża l-appellant qiegħed jiġi akkużat bi traffikar. Permezz tat-Tielet Kap huwa evidenti illi l-Avukat Ġenerali ried jakkużah b'pussess "aggravat". L-Avukat Ġenerali, pero`, dehrlu li kellu jiċċita l-azzjonijiet kollha elenkati fir-regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali 22/1985, u ċioe` li l-akkużat "importa, immanifattura, esporta, xtara, biegħ, uża jew kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina" in kwistjoni. B'daqshekk ma jfissirx illi ż-żewġ Kapi qegħdin jitkellmu dwar l-istess reat. Forsi kien ikun anqas ta' tfixkil ghall-ġurati li kieku l-Avukat Ġenerali ma elenkax l-azzjonijiet kollha msemmija f'dak ir-regolament. Il-fatt li semmihom, pero`, ma jrendix la dan il-Kap, u wisq anqas it-Tieni Kap, nulli. Sta għall-ewwel Qorti biex tindika lill-gurati dak li jista' jitqies applikabbli. Effettivament fis-sentenza appellata hija diġa` ddeskriviet dawn iż-żewġ Kapi bħala 'wieħed ta' traffikar u l-ieħor ta' pussess aggravat'."**

Din il-Qorti qed tikkonferma dak li qalet f'dik is-sentenza kif riżultanti mill-imsemmi bran.

**9.** Kwantu ghall-osservazzjoni ta' l-appellant illi ma kellu l-ebda tieni parti fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu iżda li huwa kien għamel biss osservazzjoni, ancorche` dan jista' jkun minnu, l-ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat li ssir korrezzjoni fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża billi ordnat is-sostituzzjoni tar-regolament 10(2) bir-regolament 3(1). Difatti tali korrezzjoni setgħet issir *ex officio* – artikolu 597(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**10.** Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

**11.** Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu l-appellant eċċepixxa l-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' P.S. 1374 Edgar Dalli. Jgħid illi l-ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni għal raġunijiet li ftit li xejn għandhom x'jaqsmu mal-liġi u mal-ġurisprudenza li tul is-snin interpretat il-liġi. Skond l-appellant mhuwiex korrett li jiġi argumentat li kollox sar bl-għaġġla kbira u li l-Qorti ma tiddubitax il-ħatriet mogħtija. Fil-każ ta' P.S. 1374 Edgar Dalli ma tirriżulta ebda nomina. Jikkummenta l-appellant : "Il-prassi – jew malprassi – spjegata mill-Qorti hija ferm preokkupanti u għandha semmai tiġi arġinata u mhux elevata għal statura ta' liġi. Naturalment dan kollu qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju għall-fatt li din is-sentenza qiegħda tbiddel il-ġurisprudenza msejsa fuq dak li tgħid il-liġi u hija bl-akbar rispett stedina ghal pressapokiżmu u tista' addirittura twassal għal abbuż da parti ta' min irid eventwalment iressaq persuna suspettata l-Qorti."

**12.** Issa, filwaqt illi din il-Qorti hi konxja tal-proċedura użata dwar in-nomina ta' esperti kif spjegata mill-ewwel Qorti, din il-Qorti taqbel ma' l-appellant illi tali nomina trid tirriżulta mill-atti. Fil-każ odjern dan huwa nieqes għal kollox. Mid-digriet f'paġna 4 tal-proċess verbal li jinsab esebit fl-atti tal-kumpilazzjoni a fol. 30 sa 34, jirriżulta li l-unika nomina li saret, ossia li ġiet ikkonfermata, hija dik ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud. Imbagħad il-linji quddiem il-kliem "bħala espert tal-fotografija", "bħala espert tal-marki tas-swaba'", u "bħala scene of crime officer" tħallew vojta. Jekk il-Maġistrat Inkwirenti ma kinitx taf l-ismijiet tal-persuni li ħadmu fuq il-każ, setgħet almenu ndikat li dawn kellhom ikunu dawk l-individwi fil-Forensic Unit li kienu "ta' l-għassa". B'danakollu, dan ma jfissirx illi r-relazzjoni li ppreżenta P.S. 1374 Edgar Dalli għandha titqies inammissibbli. Bħalma qalet din il-Qorti kif komposta fis-sentenza preċitata fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Gordi Felice**:

**"11. Hi ormai gurisprudenza stabbilita li esperti li huma ufficjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti fir-**

**rigward biss ta' rizultanzi fattwali.[2] U fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Awissu 1991 ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1992 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Longinu Aquilina* (Vol. LXXVI.i.23) intqal:**

**"*'L-ewwel kwezit fir-riferenza hu "Jekk l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija setghux jigu nominati mill-Magistrat Inkwerenti biex jelevaw il-marki tas-swaba minn fuq il-post tar-reat". Ir-risposta hi fl-affermattiv, salv ir-rakkomandazzjoni generali li saret aktar 'il fuq, fuq l-opportunita` li f'kull stadju tal-procedura, kemm jista' jkun jigu nominati mill-Qrati, biex jghinuhom, persuni li ma humiex ufficjali tal-Pulizija. <u>Hu car li sa dak il-mument il-marki tas-swaba ghadhom bla paternita` u ma jistghux jitqiesu li jirreferu ghal xi persuna partikolari.</u> Anki jekk ma jistax jigi eskluz illi xi marka tkun ta' persuna li eventwalment tista' tigi indizjata bhala l-awtur tar-reat u sussegwentement akkuzata li kkommettietu. <u>Dawn il-marki fil-fatt f'dan l-istadju jistghu jigu elevati mill-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha indipendentement minn kull ordni tal-Qorti, fil-kors normali ta' l-indagini. L-awtenticita` ta' l-operat tal-Pulizija , u l-attendibilita` tal-prova li tkun trid issir bihom, tkun dejjem soggetta ghall-iskrutinju tal-Qorti u tal-partijiet fil-procedura, konsegwenzjali ghall-indagini rikjesta.</u> L-opportunita` f'dan l-istadju ghan-nomina ta' persuni li ma jkunux ufficjali tal-Pulizija tirrizulta ghalhekk mill-interess generali tal-gustizzja u l-amministrazzjoni taghha u mhux mill-interess partikolari ta' xi cittadin u l-protezzjoni tad-dritttijiet fundamentali tieghu'* (sottolinear ta' din il-Qorti).**

**"12. Tajjeb li ssir referenza wkoll ghad-decizjoni parzjali moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet Nazzareno Zarb v. Malta fejn intqal:**

---

[2] Ara **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991; **John Saliba vs Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, 6 ta' Lulju 1998; **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 16 ta' Dicembru 1998.

***"'Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).***

**"*'Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective.'***

**"13. Fil-kaz in ezami, l-appellant *"did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective"*. Ghalhekk, P.S. 1374 Edgar Dalli jista' jixhed dwar ix-xoghol li huwa ghamel, b'dan li ghandu jitqies biss bhala xhud ordinarju u mhux bhala espert. Ghalhekk ir-relazzjoni tieghu tehtieglu certi tibdiliet sabiex tkun tista' tintuza waqt il-guri, u specifikatament is-segwenti:**

**(a) Jitnehhew il-*cover* u l-ewwel pagna.**

**(b) Fit-tieni pagna fil-paragrafu numru tnejn (2), jitnehhew il-kliem fl-ewwel linja 'sabiex jesplicita l-inkarigu lilu moghti'."**

Dak li ntqal f'dan il-bran japplika *in toto* fil-każ odjern u għalhekk anke f'dan il-każ għandhom isiru t-tibdiliet indikati fil-paragrafu 13 fl-imsemmi bran fir-relazzjoni ta' P.S. 1374 Edgar Dalli. Naturalment u konsegwentement ma jkunx hemm spejjeż x'jitħallsu a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**13.** It-tielet eċċezzjoni tirrigwarda l-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud. L-appellant jgħid illi anke hawnhekk l-ewwel Qorti għażlet li twarrab it-tagħlim ta' din il-Qorti in kwantu jirrigwarda l-valur probatorju u l-ammissibilita` ta' relazzjoni bhal dik ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud. Jirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta fl-4 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alex Mallia** fejn "din il-Qorti kienet ikkonkludiet li x-xiehda u d-dokument redatt mill-analista mqabbad f'dak il-każ biex jistabilixxi l-valur tad-droga kellhom jitqiesu bhala deposizzjoni ta', u dokument redatt minn, xhud ordinarju u mhux minn perit." L-appellant hu tal-fehma li ma kien hemm ebda raġuni li kellha twassal lill-ewwel Qorti tiddipartixxi minn dan it-tagħlim b'deċiżjoni biss dwar jekk ir-relazzjoni għandhiex tibqa' fil-proċess; dan ma kienx l-iskop ta' l-imsemmija eċċezzjoni.

**14.** Anki hawn din il-kwistjoni ġiet ampjament trattata fis-sentenza preċitata **Ir-Repubblika ta' Malta v. Gordi Felice** fejn intqal:

**"15. Il-kaz li ghalih jirreferi l-appellant [Ir-Repubblika ta' Malta v. Alex Mallia] kien jirrigwarda appell mill-Avukat Generali minn decizjoni tal-Qorti Kriminali li tiddikjara d-depozizzjonijiet moghtija minn Godwin Sammut (espert forensiku) kif ukoll id-dokument minnu esebit bil-valur tad-droga in kwistjoni f'dak il-kaz bhala li mhumiex ammissibbli bhala prova u konsegwentement ordnat li ma ssir ebda riferenza**

**ghalihom waqt is-smiegh tal-kawza quddiem il-gurati. Din il-Qorti rrevokat din il-parti tas-sentenza u minflok iddikjarat l-istess deposizzjonijiet u dokument ammissibbli skond il-ligi u li tista' ssir referenza ghalihom skond il-ligi, b'dan pero` li dawn ghandhom f'kull kaz jitqiesu bhala d-deposizzjonijiet ta', u dokument redatt minn, xhud ordinarju u mhux minn perit nominat mill-Qorti. Hija waslet ghal din il-konkluzjoni a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:**

***"Jibda biex jinghad li, kwantu ghall-principji generali li jirregolaw in-nomina u d-deposizzjoni tal-periti, l-ewwel kienet korretta. Fejn din il-Qorti ma taqbilx kemm mal-partijiet kif ukoll ma' l-ewwel Qorti huwa dwar il-htiega ta' perit ossia – kif komunement jissejjah b'adoperazzjoni tan-nom ingliz – 'espert' biex jigi stabbilit il-valur tad-droga in kwistjoni. Huwa veru li hija prassi fil-Qorti tal-Magistrati li, tista' tghid ghal kull haga ta' xejn, jigi nominat espert biex jaghti l-valur ta' oggett, ez. oggett misruq fejn il-valur tieghu jista' jaghmel differenza ghal dik li hi kwalifika tas-serq u konsegwentement ghall-piena. Kif inhu risaput, hlief meta jkun hemm xi hsara fl-oggett li tieghu wiehed ikun irid jiddetermina l-valur, l-'esperti' hekk nominati fl-istragrandi maggoranza tal-kazijiet jiddeterminaw il-valur a bazi ta' informazzjoni li jkunu kisbu minn katalogi u dokumenti ohra li jkunu jindikaw il-prezz fis-suq ta' l-oggett jew l-oggetti in kwistjoni. Hadd pero` sa issa qatt ma ghaddielu mill-antiporta ta' mohhu li jitlob li jigu prodotti bhala xhieda in-nies (kollha jew parti minnhom) li jkunu kkontribwew ghall-istesura ta' dawk il-katalogi jew dokumenti! U f'materja bhalma hija d-droga fis-suq illegali, il-valur ma jistax jigi determinat hlief b'referenza ghall-prezz f'dan is-suq illegali. Dan il-prezz necessarjament jigi stabbilit minn informazzjoni li tkun gabret il-pulizija fil-kors tax-xoghol taghha (u forsi anke bil-ghajnuna tal-intelligence services). U tali prezz anqas ma jista' jinghad li hu xi haga assoluta u ta' precizjoni matematika. L-izball li, bid-dovut rigward lejn kulhadd, qed isir f'dan il-kaz jikkonsisti fl-insistenza – li jidher li bdiet quddiem il-***

***Qorti Istruttorja, ghalkemm ma jidhirx li kien l-Avukat Generali li hekk insista – li ghad-determinazzjoni tal-valur tad-droga in kwistjoni – raza tal-cannabis – hemm bzonn id-deposizzjoni ta' perit. Huwa sinjifikanti l-fatt li quddiem il-Qorti Istruttorja l-Avukat Generali kien qed jitlob li 'l-ufficjal prosekutur' jghid x'kien il-valur tad-droga, u mhux li jigi nominat espert. Jidher, pero`, li l-ufficjal prosekutur ghazel li, flok ma jixhed hu kif mitlub, jirriproduci ghal darbtejn lil Godwin Sammut. Issa, naturalment, l-Avukat Generali biddel id-diska u qed jghid, jew jinferixxi, li tali deposizzjoni kienet taqa' fil-mansjoni ta' l-imsemmi Sammut. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, taqbel li meta dan Sammut gie nominat bhala 'analista', fis-sens ordinarju tal-kelma analizi, meta si tratta ta' sustanza suspettata li hi droga tfisser li dak li jkun effettivament jiddetermina n-natura ta' dik is-sustanza u, per di piu` meta si tratta ta' certa droga, anke l-purita` taghha. Pero` la l-piz u anqas il-prezz taghha ma jirrikjedi xi 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1), Kap.). Il-piz normalment jigi determinat mill-analista anke ghall-fini biex jigi assigurat li xejn minn dak maqbud u ezibit jispicca fejn mhux suppost, u anke biex wiehed jaghti idea generali tal-kwantita` involuta – illum anke il-bniedem tat-triq jista' jaghmel id-differenza fil-portata ta' sejba ta' droga jekk dijn tkun tikkonsisti fi gramma jew tnejn, jew f'ghexieren, mijiet jew eluf. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti li d-dokument konsistenti fil-Malta Drug Situation – 2004 National Report ma setax jigi ezibit. Anzi dan kien l-uniku dokument li seta' proprjament jigi ezibit biex wiehed – anke l-Qorti jew il-gurati stess – jaghmlu semplici kalkolu matematiku, bl-ghajnuna ta' calculator jekk dak li jkun ikun ftit batut fil-matematika. Ghalhekk, l-argument ta' l-Avukat Generali 'li espert jista' jaghti l-opinjoni tieghu u sta ghall-gurati li huma jaraw jaqblux bhala fatt ma' tali valutazzjoni' huwa totalment irrelevanti u way off the mark. F'dan il-kaz ma kien hemm bzonn ta' ebda nomina ta' 'espert' – kull ma kien hemm bzonn kien li xhud – anke l-istess ufficjal prosekutur – jezibixxi d-***

***dokument aktar 'il fuq imsemmi u jsir il-kalkolu mehtieg.'***

**"16. Din il-gurisprudenza ma twassalx, mela, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ghal dikjarazzjoni ta' inammissibilita` ta' xiehda u relazzjoni dwar il-valur ta' droga esebita izda ghall-ammissibilita` ta' l-istess b'dan li ghandhom jitqiesu bhala xiehda ta' u dokument redatt minn xhud ordinarju. Hija gurisprudenza li din il-Qorti kif issa komposta taqbel maghha."**

**15.** Din il-Qorti ma għandha xejn x'iżżid ma' dak li ntqal fil-bran ċitat u għalhekk l-aggravju huwa miċħud. Naturalment hawn ukoll ma jkunx applikabbli l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**16.** Għal dawn il-motivi tirriforma s-sentenza appellata billi, b'referenza ghat-tieni eċċezzjoni, tiddikjara li x-xhud P.S. 1374 Edgar Dalli għandu jitqies bħala xhud ordinarju u tordna li jsiru t-tibdiliet fir-relazzjoni kif indikat fil-paragrafu 12 (*supra*), b'referenza għat-tielet eċċezzjoni tiddikjara li x-xiehda ta' l-Ispizjar Mario Mifsud in kwantu tirrigwarda d-dokument MMA minnu esebit a fol. 726 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni, għandhom jitqiesu bhala xiehda ta' u dokument redatt minn xhud ordinarju, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------